# LINJI GWIDA

## LINJA GWIDA (UE) 2022/747 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tal-5 ta' Mejju 2022**

**li temenda l-Linja Gwida 2012/120/UE dwar ir-rekwiżiti ta' rapportaġġ statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-istatistika esterna (BĊE/2011/23)** ***(BĊE/2022/23)***

Il-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikli 3.1, 3.3, 5.1, 12.1 u 14.3 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) F'sistema finanzjarja globali kumplessa b'konnessjonijiet transfruntiera dejjem jiżdiedu, l-entitajiet magħrufa bħala entitajiet bi skop speċjali (SPEs) għandhom rwol importanti. L-intrapriżi multinazzjonali (MNEs) jistabbilixxu SPEs biex jidderieġu l-investimenti finanzjarji tagħhom, iżidu l-aċċess għal diversi swieq finanzjarji, u jorganizzaw l-assi tanġibbli u intanġibbli tagħhom globalment. L-SPEs saru dejjem aktar rilevanti fl-istatistika esterna peress li jistgħu jieħdu l-forma ta' entitajiet finanzjarji speċjalizzati, jew, aktar reċentement, anki entitajiet speċjalizzati mhux finanzjarji li l-MNEs jistabbilixxu biex jiġġertixxu d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, ir-riċerka u l-iżvilupp, il-kummerċ u attivitajiet oħra bħala parti minn strateġija ta' massimizzazzjoni finanzjarja u tal-profitt għall-grupp kollu.

(2) L-informazzjoni statistika relatata mal-SPEs tippermetti lill-Eurosistema li tikseb fehim aħjar tar-rwol ta' dawn l-entitajiet fis-sistema ekonomika u finanzjarja taż-żona tal-euro. B'mod partikolari, l-informazzjoni statistika dwar l-attività tal-SPEs fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro b'konċentrazzjoni għolja ta' SPEs tippermetti lill-Eurosistema tanalizza u tinterpreta l-interkonnettività transfruntiera mill-flussi u l-pożizzjonijiet tal-SPEs u tivvaluta r-riskji finanzjarji u ekonomiċi assoċjati għall-fini tal-analiżi tal-istabbiltà finanzjarja. Madankollu, filwaqt li l-informazzjoni statistika dwar l-SPEs, bħala unitajiet istituzzjonali, diġà tinġabar fil-livell nazzjonali, din mhijiex irrappurtata separatament lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). It-tagħrif statistiku dwar l-SPEs għandu għalhekk jiġi rrapportat mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) lill-BĊE fuq bażi trimestrali.

(3) It-tagħrif statistiku relatat mal-SPEs jista' jinġabar u/jew jiġi kkompilat minn awtoritajiet tal-istatistika kompetenti minbarra l-BĊN. Għalhekk, ir-rapportar ta' dik l-informazzjoni lill-BĊE jista' jeħtieġ kooperazzjoni bejn il-BĊN u dawn l-awtoritajiet kompetenti.

(4) Il-BĊE kien membru tat-Task Force dwar l-SPEs, imwaqqfa fl-2016 mill-Kumitat dwar l-Istatistika tal-Bilanċ tal-Pagamenti tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI). Waħda mill-kwistjonijiet indirizzati mit-Task Force kienet in-nuqqas ta' definizzjoni miftiehma internazzjonalment tal-SPEs, u ġiet stabbilita proposta għal tali definizzjoni fir-rapport finali tagħha ([2]). Ir-rekwiżiti imposti fuq il-BĊNi fir-rigward tar-rapportar ta' tagħrif statistiku dwar l-SPEs għandhom għalhekk iqisu din id-definizzjoni.

(5) Għaldaqstant, il-Linja Gwida 2012/120/UE (BĊE/2011/23) ([3]) għandha tiġi emendata f'dan is-sens,

([1]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.
([2]) Il-Kumitat tal-FMI dwar l-Istatistika tal-Bilanċ tal-Pagamenti (BOPCOM), "Final Report of the Task Force on Special Purpose Entities" (Rapport Finali tat-Task Force dwar l-Entitajiet bi Skop Speċjali), Dokument BOPCOM 18/03, 2018. Disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-IMF fuq www.imf.org
([3]) Linja Gwida 2012/120/UE tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-9 ta' Diċembru 2011 dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-istatistika esterna (BĊE/2011/23) (ĠU L 65, 3.3.2012, p. 1).

ADOTTA DIN IL-LINJA GWIDA:

*Artikolu 1*

**Emendi**

Il-Linja Gwida 2012/120/UE (BĊE/2011/23) hija emendata kif ġej:

1. fl-Artikolu 1, huwa miżjud il-punt (18) li ġej:

   "(18) 'entità bi skop speċjali' jew 'SPE' tfisser entità ġuridika formalment irreġistrata u/jew inkorporata li:

   (a) hija rikonoxxuta bħala unità istituzzjonali;

   (b) ma timpjegax, jew ma jimpjegax aktar minn ħames impjegati;

   (c) ma jkollha l-ebda preżenza fiżika jew ikollha preżenza fiżika minima;

   (d) ma għandha l-ebda produzzjoni fiżika jew għandha produzzjoni fiżika minima fl-ekonomija fejn hija residenti ("ġurisdizzjoni ospitanti");

   (e) tkun ikkontrollata direttament jew indirettament minn persuni mhux residenti tal-ġurisdizzjoni ospitanti;

   (f) tkun ġiet stabbilita biex tikseb vantaġġi speċifiċi pprovduti mill-ġurisdizzjoni ospitanti b'wieħed jew aktar mill-objettivi li ġejjin: (i) tagħti lis-sid(ien) tagħha aċċess għas-swieq kapitali jew servizzi finanzjarji sofistikati; (ii) li tiżola s-sid(ien) minn riskji finanzjarji; (iii) biex jitnaqqas il-piż regolatorju u tat-taxxa; (iv) biex tissalvagwardja l-kunfidenzjalità tat-tranżazzjonijiet u s-sid(ien) tagħhom;

   (g) tinnegozja kważi għalkollox ma' persuni mhux residenti tal-ġurisdizzjoni ospitanti;

   (h) għandha karta tal-bilanċ finanzjarja li parti kbira minnha tikkonsisti fi pretensjonijiet u obbligazzjonijiet transkonfinali, ħlief fil-każ ta' entitajiet li joħorġu titoli ta' dejn negozjabbli fejn din l-informazzjoni tista' ma tkunx disponibbli.";

2. fl-Artikolu 2 għandu jiddaħħal il-paragrafu 1b li ġej:

   "1b. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE data trimestrali dwar it-tranżazzjonijiet u l-pożizzjonijiet internazzjonali tal-SPEs residenti kif definit fit-Tabella 10 tal-Anness II u skont l-iskadenzi definiti fl-Artikolu 3(2).";

3. fl-Artikolu 6(3), il-kliem introduttorju hu ssostitwit b'dan li ġej:

   "Meta d-dejta għal partita fit-Tabelli 1 sa 5 u 10 tal-Anness II tkun ta' daqs negliġibbli jew insinifikanti għaż-żona tal-euro u l-istatistika nazzjonali, jew id-dejta għal dak l-oġġett ma tistax tinġabar bi spiża raġonevoli, il-BĊN għandhom jirrappurtaw dejta dwar l-aħjar bażi ta' stima bbażata fuq metodoloġiji statistiċi sodi; sakemm il-valur analitiku tal-istatistika ma jiġix kompromess. Barra minn hekk, il-BĊN għandhom jirrapportaw data fuq bażi tal-aħjar stima għar-rendikonti li ġejjin fit-Tabelli 1, 2, 4, 6 u 10 tal-Anness II:";

4. jiddaħħal l-Artikolu 8a li ġej:

   "*Artikolu 8a*

   **L-ewwel trażmissjoni ta' data relatata ma' tranżazzjonijiet transfruntiera u stokks ta' SPEs residenti wara d-dħul fis-seħħ tal-Linja Gwida (UE) 2022/747 (BĊE/2022/23)**

   Wara d-dħul fis-seħħ tal-Linja Gwida (UE) 2022/747 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2022/23) (*), l-ewwel trażmissjoni ta' data relatata ma' tranżazzjonijiet transfruntiera u stokks ta' SPEs residenti stabbiliti fit-Tabella 10 tal-Anness II, għandha ssir f'Marzu 2023 fir-rigward ta' data għar-raba' trimestru tal-2022.

   Id-data trimestrali fir-rigward tal-perjodu mill-ewwel trimestru tal-2020 għandha tiġi trażmessa mhux aktar tard minn Settembru 2023.

   (*) Linja Gwida (UE) 2022/747 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-5 ta' Mejju 2022 li temenda l-Linja Gwida 2012/120/UE dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar tal-istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-istatistika esterna (BĊE/2011/23) *(BĊE/2022/23)* (ĠU L 137, 16.5.2022, p. 177).";

5. L-Annessi I u II huma emendati skont l-Anness ta' din il-Linja Gwida.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lill-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

*Artikolu 3*

**Destinatarji**

Din il-Linja Gwida hija indirizzata lill-banek ċentrali kollha tal-Eurosistema.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-5 ta' Mejju 2022.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE*
*Il-President tal-BĊE*
Christine LAGARDE

*ANNESS*

L-Annessi I u II tal-Linja ta' Gwida 2012/120/UE (BĊE/2011/23) huma emendati kif gej:

1. fl-Anness I, tiżdied it-Taqsima 6 li ġejja:

"6. **Tranżazzjonijiet transkonfinali trimestrali u stokks ta' SPEs residenti**

Objettiv

L-objettiv tat-tranżazzjonijiet u stokkijiet transkonfinali trimestrali tal-SPEs residenti huwa li jinftiehem aħjar ir-rwol ta' dawn it-tipi ta' unitajiet fil-komponenti differenti tal-kontijiet tas-settur estern. Informazzjoni relatata ma' dan it-tip ta' unità tista' tiġi rrapportata bħala partita separata li tippermetti fehim aħjar tar-rwol tagħhom fis-sistema ekonomika u finanzjarja taż-żona tal-euro.

Rekwiżiti

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet transkonfinali trimestrali u l-istokks ta' SPEs residenti kif speċifikat fl-Anness II, Tabella 10.";

2. L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) It-Tabella 8 hija ssostitwita b'dan li ġej:

*"Tabella 8*

**Rendikonti skont is-settur**

| Settur 1 | Settur 2 | Settur 2d | Settur 2r | Settur x |
|---|---|---|---|---|
| Ekonomija totali | Ekonomija totali | Ekonomija totali | Ekonomija totali | Ekonomija totali |
| Bank ċentrali | Bank ċentrali | Bank ċentrali | Bank ċentrali | Korporazzjonijiet finanzjarji |
| IFMi oħrajn | IFMi oħrajn | IFMi oħrajn | IFMi oħrajn | Setturi oħra li mhumiex korporazzjonijiet finanzjarji" |
| Korporazzjonijiet li jieħdu depożiti ħlief għall-bank ċentrali | Korporazzjonijiet li jieħdu depożiti ħlief għall-bank ċentrali | Gvern ġenerali | Gvern ġenerali | |
| MMFs | MMFs | Setturi oħra | Setturi oħra | |
| Gvern ġenerali | Gvern ġenerali | *li minnhom:* | | |
| Setturi oħra | Setturi oħra | Fondi ta' investiment li mhumiex MMFs | | |
| | Fondi ta' investiment li mhumiex MMFs | Kumpanniji tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet | | |
| | Kumpanniji tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet | Istituzzjonijiet finanzjarji oħra | | |
| | Istituzzjonijiet finanzjarji oħra | Korporazzjonijet mhux finanzjarji | | |
| | Korporazzjonijet mhux finanzjarji | | | |
| | Unitajiet domestiċi u NPISHs | | | |

(b) Tiżdied it-Tabella 10 li ġejja:

*"Tabella 10*

**Tranżazzjonijiet transkonfinali trimestrali u stokks ta' SPEs residenti**

| | | | | | | | Subsett pubblikabbli | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | QBOP | | | QIIP | | | QBOP | | | QIIP | | |
| | C/A | D/L | B/N | C/A | D/L | B/N | C/A | D/L | B/N | C/A | D/L | B/N |
| **Kont kurrenti** | G2_I8 | G1_I8 | | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | |
| *Prodotti* | G2_I8 | G2_I8 | | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | |
| ow. Esportazzjonijiet netti ta' prodotti permezz ta' merchanting | G1_I8 | | | | | | G1_I8 | | | | | |
| *Servizzi* | G2_I8 | G2_I8 | | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | |
| ow. Trasport | G2_I8 | G2_I8 | | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | |
| ow. Servizzi finanzjarji | G2_I8 | G2_I8 | | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | |
| ow. Ħlasijiet għall-użu ta' proprjetà intellettwali n.i.e. | G2_I8 | G2_I8 | | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | |
| ow. Servizzi oħra tan-negozju | G2_I8 | G2_I8 | | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | |
| *Dħul primarju* | G2_I8 | G1_I8 | | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | |
| ow. Introjtu mill-investiment (sec x) | G2_I8 | G1_I8 | | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | |
| Investiment dirett (sec x) | G2_I8 | G2_I8 | | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | |
| Dividendi u ġbid ta' flus (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | |
| F'intrapriżi ta' investiment dirett (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | | | | |
| F'investitur dirett (investiment bil-maqlub) (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | | | | |
| Bejn intrapriżi sħab (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | | | | |
| Qligħ investit mill-ġdid (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | |
| Strumenti ta' dejn (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | |
| F'intrapriżi ta' investiment dirett (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | | | | |
| F'investitur dirett (investiment bil-maqlub) (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | | | | |
| Bejn intrapriżi sħab (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Investiment tal-portafoll (sec x) | G2_I8 | G1_I8 | | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | |
| Dividendi (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | | | | |
| Qligħ investit mill-ġdid (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | | | | |
| Imgħax fuq titoli ta' dejn (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | |
| Investiment ieħor (sec x) | G2_I8 | G2_I8 | | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | |
| o.w. Imgħax (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | |
| *Dħul sekondarju* | G2_I8 | G2_I8 | | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | |
| **Kont tal-kapital** | G2_I8 | G2_I8 | | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | |
| ow. Akkwisti/ċessjonijiet grossi ta' assi finanzjarji mhux prodotti | G2_I8 | G2_I8 | | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | |
| **Kont finanzjarju (sec x)** | G2_I8 | G1_I8 | | G2_I8 | G1_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | |
| *Investiment dirett (sec x)* | G2_I8 | G2_I8 | | G2_I8 | G2_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | |
| Ishma/unitajiet ta' Fondi ta' Ekwità u ta' Investiment (sec x) | G2_I8 | G2_I8 | | G2_I8 | G2_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | |
| F'intrapriżi ta' investiment dirett (sec x) | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | |
| F'investitur dirett (investiment bil-maqlub) (sec x) | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | |
| Bejn intrapriżi sħab (sec x) | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | |
| jekk l-entità omm kontrollanti aħharija hija residenti (sec x) | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | |
| jekk il-ġenitur finali li jikkontrolla huwa residenti (sec x) | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | |
| jekk l-entità omm kontrollanti aħharija mhix magħrufa (sec x) | | | | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | |
| Ekwità minbarra investiment mill-ġdid ta' dħul (sec x) | G2_I8 | G2_I8 | | | | | | | | | | |
| F'intrapriżi ta' investiment dirett (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | | | | |
| F'investitur dirett (investiment bil-maqlub) (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | | | | |
| Bejn intrapriżi sħab (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | | | | |
| jekk l-entità omm kontrollanti aħharija hija residenti (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| jekk il-ġenitur finali li jikkontrolla huwa residenti (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | | | | |
| jekk l-entità omm kontrollanti aħħarija mhix magħrufa (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | | | | |
| Qligħ investit mill-ġdid (sec x) | G2_I8 | G2_I8 | | | | | | | | | | |
| Strumenti ta' dejn (sec x) | G2_I8 | G2_I8 | | G2_I8 | G2_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | |
| F'intrapriżi ta' investiment dirett (sec x) | G2_I8 | G2_I8 | | G2_I8 | G2_I8 | | | | | | | |
| F'investitur dirett (investiment bil-maqlub) (sec x) | G2_I8 | G2_I8 | | G2_I8 | G2_I8 | | | | | | | |
| Bejn intrapriżi sħab (sec x) | G2_I8 | G2_I8 | | G2_I8 | G2_I8 | | | | | | | |
| jekk l-entità omm kontrollanti aħħarija hija residenti (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | |
| jekk il-ġenitur finali li jikkontrolla huwa residenti (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | |
| jekk l-entità omm kontrollanti aħħarija mhix magħrufa (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | |
| *Investiment tal-portafoll (sec x)* | G2_I8 | G1_I8 | | G2_I8 | G1_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | |
| Ekwità u ishma ta' fondi ta' investiment (sec x) | G2_I8 | G1_I8 | | G2_I8 | G1_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | |
| Titoli ta' dejn (sec x) | G2_I8 | G1_I8 | | G2_I8 | G1_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | |
| Terminu qasir (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | |
| Fit-tul (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | |
| *Derivattivi finanzjarji (għajr riżervi) u opzjonijiet fuq l-ishma għall-impjegati (sec x)* | | | G1_I8 | G2_I8 | G2_I8 | G2_I8 | | | G1_I8 | | | G2_I8” |
| *Investiment ieħor (sec x)* | G2_I8 | G2_I8 | | G2_I8 | G2_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | |
| o.w. Terminu qasir (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | |
| o.w. Fit-tul (sec x) | G1_I8 | G1_I8 | | G1_I8 | G1_I8 | | | | | | | |